# IT-TIENI SEZZJONI — AWLA KUMMERĊJALI

---

28 ta' Frar, 1947.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Tony Wine *versus* Emmanuele Palmier et.

**Żgumbrament — Sentenza — Terminu — Proroga — Eżekuzzjoni — Sospensjoni — Appell — Lokazzjoni — Liċenza.**

*Meta sentenza tordna l-iżgumbrament tal-konduttur ta' post u tagħtih żmien biex joħroġ, dak iż-żmien jiġi hekk mogħti lilu biex huwa jlesti l-affarijiet tiegħu ħalli joħroġ; u jekk il-Qorti tagħtih proroga taż-żmien, anki dik il-proroga tfisser li hija mogħtja bl-istess fehma.*

*Hemm distinzjoni bejn l-eżekuzzjoni tas-sentenza ta' żgumbrament da parti tas-sid u l-obligu tiegħu li jadempixxi, wara s-sentenza, dak li huwa għandu jagħmel skond il-kuntratt tal-lokazzjoni.*

*Għaldaqstant jekk il-lokatur li ottjena sentenza ta' żgumbrament, li tiġi appellata mill-konduttur, minflok li jinsisti għall-eżekuzzjoni tagħha, jirrendi bla effett il-lokazzjoni fil-pendenza ta' l-appell, jagħmel hekk a riskju tiegħu; b'mod illi jekk is-sentenza fl-appell tiġi konfermata, huwa ma jkun responsabili ta' ebda danni, kif għall-kuntrarju kien ikun kieku s-sentenza tiġi revokata.*

*Każ fejn il-konduttur kien kundannat jiżgombra minn ħanut tax-xorb u restaurant. Huwa appella. Fil-pendenza ta' l-appell il-lokatur issospenda l-liċenza tal-post b'mod illi l-konduttur ma setax ikompli jeżerċita n-negozju. Is-sentenza ġiet konfermata; imma l-konduttur fittex għad-danni li sofra bis-sospensjoni tal-liċenza mill-jum tas-sospensjoni sa meta huwa ħareġ mill-post. Ġie ritenut fl-Appell li ma kienx hemm lok għal dawk id-danni billi s-sentenza ġiet konfermata.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, fejn ippremetta li huwa jikri minn għand il-

konvenuti aħwa Palmier l-istabiliment "O.K. Tabarin", armat għall-bejgħ ta' l-inbid u spiriti u restaurant, bil-liċenza relativa u bil-kondizzjoni imsemmija fil-kuntratt oriġinali magħmul għand in-Nutar Giovanni Chapelle, tal-24 ta' Ottubru 1940 (dok. A); u li b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re tas-6 ta' April 1946, fil-kawża fl-ismijiet "Michele Palmier et. vs. Tony Wine" ġie kundannat jiżgombra u jirrilaxxja l-imsemmi stabbiliment bil-liċenza relativa mhux aktar tard mit-30 ta' April 1946; u li l-konvenuti aħwa Palmier, jew min minnhom, fis-26 ta' Diċembru 1945, mingħajr ebda avviż u abużivament irtiraw minn għand il-Pulizija l-liċenza ta' l-imsemmi stabbiliment b'mod illi l-attur ma setax jużah għall-iskop li ġie mikri, u dana bi ħsara kbira għall-istess attur, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u żied igħid li bħala garanzija għall-imsemmija liċenza l-attur kellu jiddepożita, kif fil-fatt iddepożita, fil-Bank of Malta l-lum inkorporat fin-National Bank of Malta, b'pass book nru. 9790, is-somma ta' £50, bil-kondizzjoni li ma tkunx tista' tiġi rtirata mingħajr il-kunsens tal-konvenut Emmanuele Palmier; u li għalkemm l-imsemmija liċenza ġiet ritirata, l-istess konvenut Emmanuele Palmier il-lum qiegħed abużivament jirrofta li jagħti l-kunsens tiegħu għall-iżbank ta' l-imsemmija somma ta' £50; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, (1) il-konvenuti aħwa Palmier jiġu dikjarati li rrendew ruħhom responsabili għad-danni kollha li l-attur sofra u li qiegħed isofri mill-jum li ġiet irtirata l-imsemmija liċenza sal-jum tal-konsenja effettiva taċ-ċwievel ta' l-imsemmi stabbiliment minħabba l-aġir ta' l-istess konvenuti fuq imsemmija, dawna d-danni għandhom jiġu likwidati f'ġudizzju separat; u (2) l-attur ikun awtorizzat jiżbanka s-somma ta' £50 fuq imsemmija mingħajr u nonostanti n-nuqqas ta' kunsens ta' l-imsemmi Emmanuele Palmier. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tas-27 ta' Diċembru 1945;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, fejn issottomettew li b'sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Novembru 1945, ġiet riżoluta l-lokazzjoni tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni; għalhekk huma kienu ġustifikati xahar wara jirtiraw il-liċenza

personali tagħhom li kien qiegħed jagħmel użu minnha l-attur; is-sentenza ta' l-Appell tas-6 ta' April 1946 ikkonfermat dik is-sentenza; li d-depożitu ta' £50 sar mill-attur in garanzija ta' l-obligi assunti minnu bil-kuntratt tal-lokazzjoni, u l-attur ippreżenta ċ-ċitazzjoni fl-24 ta' April 1946, mentri kkonsenja l-fond fis-26 ta' l-istess xahar, u għadu ma ħallasx dak li huwa minnu dovut għall-okkupazzjoni tal-fond;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re tat-28 ta' Novembru 1946, fejn laqgħet it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-oġġett tal-lokazzjoni kienet l-azjenda, inkluża l-liċenza; illi l-konvenuti kellhom favur tagħhom sentenza ta' dik il-Qorti għall-iżgumbrament ta' l-attur, iżda dan appella, u fil-pendenza ta' dak l-appell il-konvenuti rtiraw il-liċenza minn għand il-Pulizija, u għalhekk l-attivazzjoni ta' l-azjenda kellha tieqaf; illi din il-Qorti estendiet iż-żmien ta' l-iżgumbrament sat-30 ta' April 1946, u effettivament l-attur żgombra fis-26 ta' April 1946; illi l-appell ma jissospendix is-sentenza, iżda meta l-kundanna tkun għall-iżgumbrament u l-konvenut jappella, l-attur ma jistax jeżegwixxi s-sentenza, skond l-art. 266 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u skond is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili in re "Gafà vs. Bianco" tal-5 ta' Ġunju 1882 (Kollez. Vol. IX, paġ. 721); illi meta huma rtiraw il-liċenza "marte proprio" eżegwew parti mis-sentenza mingħajr ma taw garanzija; u għalhekk huma ikkommettew spolju kontra l-attur, li tajjeb jew ħażin, in pendenza ta' l-appell kien għadu detentur "in bona fide", u għalhekk kellu l-protezzjoni tal-liġi;

Illi in riferenza għat-tieni talba, l-attur ipprometta li jiddepożita £50 f'Bank lokali biex jiggarantixxi l-liċenza fil-kwistjoni, bil-ftehim li dak id-depożitu ma kienx jista' jiġi żbankat ħlief bil-kunsens ta' Emmanuele Palmier, u li l-attur jitlef dak id-depożitu jekk minħabba l-ħtija tiegħu tintilef il-liċenza; illi la darba l-liċenza ġiet irtirata minn l-istess Palmier, l-obligu tal-garanzija spiċċa u d-depożitu seta' jiġi liberament żbankat; illi l-konvenuti ma ssekwestrawx ġudizzjarjament id-depożitu, li kellu jagħmel garanzija għal liċenza biss;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti u l-petizzjoni tagħhom fejn talbu illi s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ fuq imsemmija in kwantu għal kap appellat tiġi revokata fil-meritu u fil-kap ta' l-ispejjeż, u li t-talbiet ta' l-attur ikunu respinti in kwantu għal dak il-kap li jirrigwarda l-ewwel talba; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-Qorti tal-Kummerċ bis-sentenza tas-27 ta' Novembru 1945, ordnat l-iżgumbrament ta' l-attur tal-lum mill-post in kwistjoni, għaliex kienet irriteniet illi l-kuntratt bejn il-partijiet kien spiċċa, u għalhekk tatu żmien sal-15 ta' Diċembru 1945 biex jiżgombra mill-post; dan jissinjifika li dak iż-żmien ġie mogħti biex l-attur tal-lum jista' jlesti l-affarijiet tiegħu f'dak il-perijodu sal-15 ta' Diċembru biex iħalli l-post. Dik il-Qorti waslet għall-konklużjoni fuq miġjuba peress illi kienet irriteniet illi l-kuntratt tal-lokazzjoni bejn il-partijiet kien spiċċa. L-attur tal-lum interpona appell minn dik is-sentenza, u pendenti dak l-appell l-appellanti ma obligawx lill-attur biex jiżgombra, jew żgumbrawh vjolentement, jew talbu l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza, iżda avżaw lill-Pulizija li l-attur Tony Wine ma għadux "substitute" tagħhom, għaliex dehrilhom illi, in vista ta' dik is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, apparti l-eżekuzzjoni tagħha, huma ma għadhomx iżjed vinkolati ma' l-attur Wine bil-kuntratt, u għalhekk bl-obligu li jħalluh "substitute." Ċertament huma, meta għamlu dak il-pass, għamluh a riskju kbir tagħhom, għaliex kieku dik is-sentenza ġiet revokata minn din il-Qorti, li kienet tirritjeni, kif ippretenda allura l-attur tal-lum, illi l-lokazzjoni ma kienetx spiċċat, huma kienu jkunu responsabili għad-danni kollha di fronti għall-attur;

Tikkunsidra;

Illi għalhekk għandha ssir distinzjoni netta bejn eżekuzzjoni tas-sentenza li biha jkeċċu mill-post lill-attur tal-lum u l-obligu tagħhom li jkomplu, wara s-sentenza, jadempixxu dak li kienu obligati jagħmlu in forza tal-lokazzjoni. Jekk, kif għamlu, irrifjutaw li jkomplu jeżegwixxu dak l-obligu, dan għamluh a riskju kollu tagħhom;

Tikkunsidra;

Illi anki jekk tiġi kunsidrata l-ipotesi ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza — ħaġa li, kif intqal iżjed 'il fuq, ma saretx f'dan il-każ — bħal każ ċitat mill-Ewwel Qorti, id-dritt ta' l-attur Wine kien preċiżament dak li jitlob ir-revoka ta' dik l-eżekuzzjoni jekk l-appellanti ma jagħtux garanzija. Infatti l-art. 264 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipproklama l-prinċipju illi l-appell ma jissospendix l-eżekuzzjoni tas-sentenza, barra miż-żewġ każijiet hemm enumerati, li mhux il-każ; u mbagħad fl-art. 265 u 266 il-leġislatur jestendi l-prinċipju illi biex min jirbaħ jieħu l-oġġett jew is-somma li rebaħ għandu jagħti garanzija tajba li jrodd il-flus jew l-oġġett, bħal ma jiġi deċiż minn din il-Qorti, fil-każ tar-revoka tas-sentenza; kif ukoll saret estensjoni għall-imgħax tal-flus u għall-ħsarat li jistgħu jsiru f'dawk il-ħwejjeġ bi traskuraġni jew bi ħtija tal-parti li teħodhom. L-ispiritu ta' din id-dispożizzjoni huwa illi min jitlef fl-ewwel istanza jkun kawtelat fil-każ ta' revoka tas-sentenza; għalhekk l-attur tal-lum, immedjatament kif sar l-irtir tal-liċenza, kien imissu, in forza ta' dawk l-artikoli sa fejn huma applikabili (u dejjem jekk qegħdin fil-kamp ta' l-eżekuzzjoni) jitlob illi l-appellanti jagħtu garanzija tajba. Imma l-pożizzjoni tal-lum da parti ta' l-attur hija insostenibili, għaliex din il-Qorti kkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, u għalhekk irriteniet illi f'dak il-perijodu tal-pendenza ta' l-appell l-attur ma kellu ebda dritt jokkupa dak il-post; u għalhekk jiġi kontrosens jekk fl-istess ħin dan l-attur, li ma kellu ebda dritt jibqa' hemm, u li l-appellanti ma kienux obligati jirrispettaw l-obligi naxxenti mil-lokazzjoni, jiġi dikjarat li għandu dritt għad-danni kontra l-appellanti li kienu rebħu l-kawża minn dak in-nhar tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti;

Tikkunsidra;

Illi veru huwa li din il-Qorti reġgħet ġeddedt iż-żmien mogħti mill-Ewwel Qorti għal żmien ġdid, iżda dan isir biex tkun mogħtija opportunità lill-attur tal-lum biex ilesti l-affarijiet tiegħu ħalli jiżgombra; imma b'dana ma għamlet xejn biex tqajjem mill-ġdid obligazzjoni li bil-konferma tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti din il-Qorti rriteniet li kienet estinta, u għalhekk estinti l-obligi kollha da parti ta' l-appellanti;

Tikkunsidra;

Illi l-pretensjoni ta' l-attur hija ġuridikament tant insostenibili meta jkunu eżaminati l-konsegwenzi kieku s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ġiet revokata minflok konfermata; l-attur jippretendi illi l-konsegwenzi huma l-istess, ħaġa li hija inaċċettabili, għaliex allura kien ikun l-attur intitolat għad-danni kieku dik is-sentenza ġiet revokata minn din il-Qorti. U l-garanzija preskritta mil-liġi dejjem tikkontempla dan il-każ, kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza msemmija mill-Ewwel Qorti, il-każ ċjoè illi l-appellant ikun kawtelat kemm-il darba l-ewwel sentenza tiġi revokata minn din il-Qorti; imma hija ħaġa ġuridikament inkonċepibili illi dawk l-effetti jkunu xorta, sew jekk is-sentenza ġiet konfermata sew jekk ġiet revokata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell tal-konvenuti u għalhekk tirrespinġi l-ewwel talba, u għall-kap devolut f'dan l-appell tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell, bl-ispejjeż relativi ta' din l-istanza għall-ewwel kap kontra l-attur appellat, u l-ispejjeż relativi għall-ewwel kap, ta' l-ewwel istanza, ma jkunux taxxati bejn il-partijiet; id-dritt tar-reġistru kontra l-appellat.